Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 101/2021**
il-Lussemburgu, 10 ta’ Ġunju 2021

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawża C-901/19 Bundesrepublik Deutschland
(Kunċett ta’ “theddid serju u individwali”)

**Meta jiġu aditi b’applikazzjoni għal protezzjoni sussidjarja, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jeżaminaw iċ-ċirkustanzi rilevanti kollha li jikkaratterizzaw is-sitwazzjoni tal-pajjiż ta’ oriġini tal-applikant sabiex jiġi ddeterminat il-grad ta’ intensità ta’ kunflitt armat**

*L-applikazzjoni sistematika mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ta’ kriterju kwantitattiv wieħed biss bħal limitu minimu ta’ vittmi ċivli tista’ teskludi persuni li verament ikollhom bżonn ta’ protezzjoni*

CF u DN li huma żewġ ċivili Afgani, li joriġinaw mill-provinċja ta’ Nangarhar (l-Afganistan), ippreżentaw applikazzjonijiet għal ażil fil-Ġermanja, quddiem il-Bundesamt für Migration und Flüchtlinge (l-Uffiċċju Federali tal-Immigrazzjoni u tar-Refuġjati, il-Ġermanja). Wara ċ-ċaħdiet tagħhom, huma ppreżentaw appell quddiem il-Verwaltungsgerichtshof Baden Württemberg (il-Qorti Amministrattiva Superjuri ta’ Baden Württemberg, il-Ġermanja) fejn talbu li jingħataw protezzjoni sussidjarja.

Din il-qorti qiegħda tfittex kjarifiki mingħand il-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2011/95 [1] dwar il-protezzjoni internazzjonali tar-refuġjati. Essenzjalment, il-Qorti tal-Ġustizzja hija adita bil-kwistjoni dwar liema huma l-kriterji li għandhom jiġu applikati għall-finijiet tal-għoti tal-protezzjoni sussidjarja fil-każ ta’ theddid serju u individwali għall-ħajja jew għall-persuna ta’ ċivili minħabba “vjolenza indiskriminatorja f’sitwazzjonijiet ta’ kunflitt armat”.

Din hija kwistjoni li fuqha l-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma kellhiex l-okkażjoni tagħti espressament deċiżjoni. Barra minn hekk, il-ġurisprudenza tal-qrati f’dan il-qasam ma hijiex uniformi. Minkejja li xi drabi saret evalwazzjoni globali abbażi taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ inkwistjoni, approċċi oħra huma essenzjalment ibbażati fuq analiżi relatata sostanzjalment man-numru ta’ vittmi ċivili.

Skont il-qorti Ġermaniża, id-dritt nazzjonali tagħha jissottometti l-konstatazzjoni ta’ theddid serju u individwali neċessarjament għal evalwazzjoni kwantitattiva tar-“riskju ta’ mewt jew ta’ ġrieħi”, espress skont ir-relazzjoni bejn in-numru ta’ vittmi fiż-żona kkonċernata u n-numru totali ta’ individwi li jkun fiha l-popolazzjoni taż-żona. Ir-riżultat miksub obbligatorjament ikollu jilħaq ċertu livell minimu. Jekk dan il-livell ma jintlaħaqx, ma għandha ssir ebda evalwazzjoni addizzjonali tal-intensità tar-riskju. F’dan il-każ preċiż, evalwazzjoni globali taċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ inkwistjoni ma tistax twassal għal konstatazzjoni ta’ theddid serju u individwali.

Madankollu, skont din il-qorti, jekk issir evalwazzjoni globali li tieħu inkunsiderazzjoni wkoll ċirkustanzi oħra li jiġġeneraw riskji, il-livell attwali ta’ vjolenza li tirrenja fil-provinċja ta’ Nangarhar għandu jitqies li huwa tant għoli li CF u DN, li ma għandhomx aċċess għall-protezzjoni ġewwa l-pajjiż, jiġu mhedda serjament imqar minħabba l-preżenza biss tagħhom fit-territorju inkwistjoni. Min-naħa l-oħra, jekk il-konstatazzjoni tal-eżistenza ta’ theddid serju u individwali tiddependi prinċipalment min-numru ta’ vittmi ċivili, it-talbiet tagħhom intiżi sabiex li l-protezzjoni sussidjarja jkollhom jiġu miċħuda.

[1] Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta’ ċittadini nazzjonali ta’ pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta’ protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU 2011, L 337, p. 9).

Fis-sentenza tagħha ta' din il-ġurnata, **il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li fil-każ fejn persuna ċivili ma tkunx milquta minħabba elementi speċifiċi għas-sitwazzjoni personali tagħha, leġiżlazzjoni nazzjonali li tgħid li l-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' "theddid serju u individwali" tiddependi mir-relazzjoni bejn in-numru ta' vittmi ċivili u n-numru totali ta' individwi tar-reġjun ikkonċernat tilħaq limitu ddeterminat, ma hijiex kompatibbli mad-Direttiva 2011/95**.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar qabelxejn li wieħed mill-għanijiet prinċipali tad-direttiva huwa li tiżgura li l-Istati Membri kollha japplikaw kriterji komuni għall-identifikazzjoni ta' persuni verament fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali. F'dan ir-rigward, hija tippreċiża li l-istatus mogħti mill-protezzjoni sussidjarja msemmija f'din id-direttiva għandu, bħala prinċipju, jingħata lil kull ċittadin ta' pajjiż terz jew lil kull persuna mingħajr stat li, fil-każ tar-ritorn tagħha, fil-pajjiż ta' oriġini jew fil-pajjiż tar-residenza abitwali tagħha, tkun f'riskju reali li ssofri preġudizzji serji.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li l-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' "theddid serju u individwali", fis-sens tad-direttiva, ma hijiex suġġetta għall-kundizzjoni li l-applikant għall-protezzjoni sussidjarja jipproduċi l-prova li jkun affettwat speċifikament minħabba elementi tiegħu għas-sitwazzjoni personali tiegħu. Fil-fatt, il-kelma "individwali" għandha tinftiehem li tkopri l-perikoli diretti kontra persuni ċivili mingħajr kunsiderazzjoni tal-identità tagħhom, meta l-grad ta' vjolenza indiskriminata li tikkaratterizza l-kunflitt armat jilħaq livell tant għoli li jkunu jeżistu raġunijiet serji u pprovati sabiex wieħed jemmen li jekk persuna ċivili tintbagħat lura fil-pajjiż ikkonċernat jew fir-reġjun ikkonċernat, tinkorri riskju reali ta' theddid serju minħabba s-sempliċi preżenza tagħha fit-territorju.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-kriterju kwantitattiv tan-numru ta' vittmi fid-dawl tal-popolazzjoni tar-reġjun kollu kkonċernat jaħbat, fl-ewwel lok, mal-għanijiet tad-Direttiva 2011/95 u, b'mod partikolari, mal-bżonn li l-Istati Membri kollha japplikaw kriterji komuni għall-identifikazzjoni ta' persuni verament fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali. Issa, l-applikazzjoni sistematika ta' Stat Membru ta' kriterju kwantitattiv wieħed, bħan-numru minimu ta' vittmi, tista' twassal lill-awtoritajiet jirrifjutaw l-għoti tal-protezzjoni internazzjonali bi ksur tal-obbligu li għandhom l-Istati Membri li jidentifikaw il-persuni li jkollhom verament bżonn ta' din il-protezzjoni.

Fit-tieni lok, tali interpretazzjoni tista' tħeġġeġ lill-applikanti għal protezzjoni internazzjonali jmorru fl-Istati Membri li ma japplikawx il-kriterju ta' limitu ddeterminat ta' vittmi diġà kkonstatati jew li jkollhom, f'dan ir-rigward, limitu inqas għoli, ħaġa li tista' tinkoraġġixxi prassi ta' *forum shopping* intiża li jiġu evitati r-regoli stabbiliti mid-Direttiva 2011/95. Issa, skont il-kliem tagħha, l-approssimazzjoni tar-regoli dwar ir-rikonoxximent u l-kontenut tal-istatus ta' refuġjat u tal-protezzjoni sussidjarja għandha, b'mod partikolari, tikkontribwixxi għal-limitazzjoni tal-moviment sekondarju tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali bejn l-Istati Membri, fil-każijiet fejn dan il-moviment ikun dovut biss għad-differenzi li jkunu jeżistu bejn il-kuntesti legali nazzjonali.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-kunċett ta' "theddida serja u individwali" għall-ħajja jew għall-persuna tal-applikant għal protezzjoni sussidjarja għandu jiġi interpretat b'mod wiesa'. B'hekk, **huwa meħtieġ teħid inkunsiderazzjoni globali taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tal-każ inkwistjoni, b'mod partikolari ta' dawk li jikkaratterizzaw is-sitwazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini tal-applikant**.

Fost dawn l-elementi jidhru b'mod partikolari, skont id-direttiva, il-fatti rilevanti kollha dwar il-pajjiż ta' oriġini fil-mument li tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni. B'mod iktar speċifiku, jistgħu wkoll jittieħdu inkunsiderazzjoni l-intensità tal-konfrontazzjonijiet armati, il-livell ta' organizzazzjoni tal-forzi armati preżenti u t-tul tal-kunflitt bħala elementi li jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tar-riskju reali ta' attentati serji, kif ukoll elementi oħra bħall-portata ġeografika tas-sitwazzjoni ta' vjolenza għamja, id-destinazzjoni effettiva tal-applikant fil-każ ta' ritorn fil-pajjiż jew fir-reġjun ikkonċernat u l-aggressjoni eventwalment intenzjonali kontra persuni ċivili eżerċitata mill-ġellieda.

Konsegwentement, l-applikazzjoni sistematika mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ta' kriterju, bħan-numru minimu ta' vittmi ċivili, midrubin jew mejta, sabiex jiġi ddeterminat il-livell ta' intensità ta' kunflitt armat, mingħajr ma jiġu eżaminati ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha li jikkaratterizzaw is-sitwazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini tal-applikant għal protezzjoni sussidjarja, tmur kontra d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/95 sa fejn din tista' twassal lil dawn l-awtoritajiet jirrifjutaw l-għoti

ta' din il-protezzjoni, bi ksur tal-obbligu li għandhom l-Istati Membri li jidentifikaw il-persuni li verament ikollhom bżonn tal-imsemmija protezzjoni.

---

**NOTA:** Ir-rinviju preliminari jippermetti lill-qrati tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' tilwima li ġiet quddiemhom, li jinterrogaw il-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddeċidiex fuq it-tilwima nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssolvi l-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, il-qrati l-oħra nazzjonali li huma aditi bi problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106.*